

22001D0076

L 238/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

6.9.2001

**DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 76/2001****tad-19 ta' Ġunju 2001****li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iż-żejjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 50/2001 tat-30 ta' Marzu 2001 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/6/KE tad-29 ta' Jannar 2001 li taddatta għat-tielet darba għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Mem-bri fir-rigward tat-trasport ta' ogħetti perikolużi bil-ferrovija <sup>(2)</sup> għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ġEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 42b (Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE) fl-Anness XIII għall-Ftehim:

- “– **32001 L 0006:** Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/6/KE tad-29 ta' Jannar 2001 (ĠU L 30, ta' l-1.2.2001, p. 42).”

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/6/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-20 ta' Ġunju 2001, sakemm ikunu saru n-notifikasi kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmulu fi Brussel, fid-19 ta' Ġunju 2001.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. WESTERLUND

<sup>(1)</sup> ĠU L 158, ta' l-14.6.2001, p. 66.

<sup>(2)</sup> ĠU L 30, ta' l-1.2.2001, p. 42.

(\* ) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.